FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 04 TA' AWISSU 2015

Il-Pulizija

Spettur Pierre Calleja

vs

Oliver Vella
-omissis-

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 319697M akkuzat talli:

1. f'Ta' Xbiex, f'xi hin bejn 3.00pm. tat-18 ta' Dicembru 1998 u 3.00am tad-19 ta' Dicembru 1998, ikkommetta serq ta' vettura t'ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni LAR 853, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin, u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Mercieca Tancred;
2. fi Qui Si Sana Tas-Sliema, fil-lejl ta' bejn it-18 u it-19 ta' Dicembru 1998, ikkommetta serq ta' diversi fliexken tal-inbid mill-fond Jambo Lido, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin u li sar ghad-detriment ta' Kartal Samil Turkdogan;
3. fid-19 ta' Dicembru 1998, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistai b'reat sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
4. fl-istess data fuq imsemmija , F'Tas-Sliema u f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, saq vettura lAR 853, f'perjodu meta kellu l-licenzja tas-sewqan tieghu skwalifikata b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata t-13 ta' Ottubru 1998, u ghaldaqstant saq l-istess vettura minghajr licenzja tas-sewqan, b'hekk ma kienx kopert b'polza t'assikurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni;
5. sar recediv, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata t-13 ta' Ottubru 1998, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Semghat ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat, ta'serq tal-vettura LAR 853, ta' serq ta' diversi fliexken tal-inbid mill-'Jumbo Lido', ta'recettazzjoni, ta' pussess tad-droga 'eroina' u 'cannabis', tal-ewwel mhux ghall-uzu esklussiv tieghu, li saq il-vettura LAR 853 meta kellu l-licenzja tieghu tas-sewqan sospiza u li huwa recediv.

Mill-atti tal-kawza l-akkuzi jinsabu pruvati anke bl-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat.

Tilliberah mill-akkuzi ta' recetazzjoni. Issibu pero hati tal-akkuzi l-ohra. Rat l-Artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 264. 267, 270, 271(g), 280, 281, 17, 31 49 u 50 tal-Kap 9, l-Artikolu 22 tal-Kap 101 u l-Artikolu 15 tal-Kap 65.

Tikkundannah €1165 multa u l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat.